Minuti tal-Laqgħa Nru. 5 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru 2010 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur Kerstin Gatt<br>Is-Sur Martin Borg<br>Is-Sur Raymond Ellul<br>Is-Sur Gejtu Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari tal-minuti tal-laqgha ta qabel.
2. Punti mqajjma mill-minuti.
3. Housing Estate, Hal Farrug
4. Xogħolijiet
5. Other matters.
6. Eghluq il-laqgha.

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.0 Is-Sur. Ellul qal li hu fil-laqgħa preċedenti kien semma wkoll li jixtieq li jkollu laqgħa ma min hu inkarigat mis-soft areas ta' Ħal Farruġ.

2.1 Is. Sur Ellul esprima wkoll li għandu jkun hemm aktar komunikazzjoni mal-membri tal-Kumitat Amministrattiv fuq affarijiet li jirrigwardaw il-Kumitat Amministrattiv, speċjalment fuq affarijiet li jirrigwardaw soft areas li tagħhom huwa inkarigat.

## 3 HOUSING ESTATE, ĦAL FARRUĠ

3.1 Is-Segretarju tkellem fuq laqgħa li kienet saret mal-Housing Authority fejn ingħatat informazzjoni fuq skema biex ikun iffinanzjat embellishment fejn hemm il-qasam tal-bini tal-Gvern. Huwa semma li dan il-proġett se jsir f' żewġ fażijiet fejn l-ewwel issir it-tisbiħ fuq barra u wara issir embellishment fil-komun tal-binjiet.

3.2 Biex wieħed ikun eliġibli u jappllika għal din l-iskema irrid ikollu pjanta tal-proġett u jressaqha lil Housing.

3.3 Is-Sur. Calleja semma li fl-ippjannar għal dan il-proġett għandu jinħoloq aċċess għal ambulanza fl-ispazju fejn hemm il-binjiet.

3.4 Is-Sur. Ellul esprima li ma jistax jifhem kif iż-żona ta' maġenb il-knisja li qabel kienet tal-Gvern issa saret tal-Knisja.

## 4. XOGĦOLIJIET

4.1 Is-Segretarju semma li wieħed mill-aċċessi għal bandli kien ġie magħluq bil-ġebel għall aċċess tal-karozzi mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is. Sur Ellul tkellem ukoll rigward il-bandli li hemm ġewwa Ħal Farruġ peress li biex il-bandli jkun magħluq sew irrid jingħalqu ż-żewġ aċċessi li jagħtu għalih.

4.2 Is-Sur. Calleja qal ukoll li hemm li anki d-daħla l-oħra tingħalaq il-quddiem peress li xorta waħda jistgħu jidħlu min hemm il-karozzi.

4.3 Is-Segretarju qal li se jara x' jista jsir.

4.4 Ic-Chairperson saqsa lis-Segretarju meta se jitkompla t-taraġ u jitwaħħal il-bqija tan-non slip tape fuqu. Is-Sur. Ellul semma jekk minflok non slip tape jistax issir

aluminium bars li huma xorta non stick peress li dawn jdumu aktar. Is-Segretarju semma li hu beħsiebu jfittex biex jara min fejn jista jġib il-kwotazzjonjiet.

4.5 Is-Sur. Ellul irraporta wkoll katusa li kienet qed tagħmel l-ilma. Huwa qal li se jiċċekja aktar fid-dettal min fejn hu ġej u jkellem lura lis-Segretarju.

4.6 Ic-chairperson irraporta li hemm bozza li hija maqtugħa fi Triq id-Daqquqa biex dina tissewwa. Ic-chiarperson ukoll semma li qed ikun hemm problema rigward il-ħmieġ tal-klieb peress li dan aktar qed jiżdied. Huwa saqsa x' jista jsir lis-Segretarju. Is-Segretarju wieġeb li tista' ssir ittra lir-residenti biex ikun hemm aktar koperazzjoni.

4.7 Ic-chairpserson staqsa ukoll meta se jitwaħħlu t-tabelli tal-exhaust pipe il-barra ġewwa Ħal Farruġ. Is-Segretarju wieġeb li dawn se jitwaħħlu malajr kemm jista jkun. Ic-chairperson semma li jekk dawn ma jistgħux jeħlu bl-arbli inkella dawn jistgħu jeġlu mal-ħitan ta barra.

4.8 Is-Sur. Saliba issuġġerrixxa biex tinġieb skip quddiem Block C peress li qed ikun hemm ħafna skart.

## 5. AFFARIJIET OĦRA

5.1 Ic-chairperson tal-Kumitat saqsa lis-Sur. Ellul x kien ġara dakinhar li marru mal-perita rigward Triq il-Vitorja. Is-Sur. Ellul qal li dakinhar id-diskors kien sar fuq il-bankina, bankijiet, siġar u dwal għal din it-triq. L-istima kienet saret fuq dawn l-affarijiet u ma kienx hemm imsemmi resurfacing tat-triq. Ic-chairperson semma li aħjar f dan l-istadju l-ewwel issir xogħol fuq it-triq u l-bankina issir wara.

5.2 Ic-chairperson qal ukoll li fuq dan il-proġett jista jkun li l-gvern ma jagħtix flus għal resurfacing. Is-Segretarju wieġeb li se jiċċekkja jekk hemmx xi kundizzjonijiet fuq dan ir-rigward.

5.3 Is-Segretarju semma wkoll li waqt laqgħa li saret ma Dr. Said ingħatat informazzjoni fuq kif se jkunu mmexxija l-Kumitati Amministrattivi. Fost dawn l-affarijiet issemma wkoll li l-quddiem il-Kumitat jista jkollu l-premises tiegħu.

5.4 Is-Sur. Calleja semma li żmien ilu kien sar tindif tal-water culverts mingħajr dawn ma nqalgħu s-soqfa tagħhom. Huwa semma li nistgħu għalhekk infittxu min kien għamel dan ix-xogħol u permezz t' hekk jistgħu dawn jerġgħu jitnaddfu. Is-Segretarju wieġeb li hu se jkun qed ifittex min kien għamel dan ix-xogħol u jara x' jista' jagħmel.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010 fis-6.30 p.m. Kien hemm qbil biex il-laqgħa għax xahar ta Jannar issir f' ġurnata fil-ġimgħa bejn l-11 u l-14 ta' Jannar, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa.**

.

Konfermati llum ______________________ 2010.

| | |
|---|---|
| ____________________ | __________________ |
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |